**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs**

**Raymond Brincat**
**(ID 6858(M))**

**DISTRETT**

**Illum, 28 ta' Ġunju, 2023**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Raymond Brincat** ta' 53 sena, iben Henry u Maria Dolores nee` Williams, imwieled il-Belt Valletta nhar l-20 ta' Diċembru 1957 u residenti ġewwa Nru. 110, Flat 5, Triq San Kristofru, Valletta, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 6858(M);

Akkużat talli f'Malta, f'Diċembru 2010 u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Qiegħed fuq is-suq, immanifattura, għamel manutenzjoni jew provda xi apparat rilevanti għal-logħob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellux liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorita` kompetenti jew ma kienx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob mill-istess Awtorita` kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, opera, ippromwova jew biegħ jew b'xi mod li jkun, għen jew ħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħob mhux awtorizzat;

3. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi, xjentement ippermetta l-użu ta' xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta' xi logħba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-liġi, jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt xi liġi;

4. U aktar talli fl-istess żmien, lokalitajiet u ċirkostanzi għamel xi ħaġa mingħajr liċenza ta' Awtorita` kompetenti meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-Awtorita` kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi.

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lill-Maġistrat sedenti bl-assenjazzjoni tad-doveri tat-12 ta' Awwissu 2013;

Rat ukoll illi minkejja li din il-Qorti, kif diversement preseduta, semgħet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, din il-Qorti, kif preseduta, kienet kostretta tordna li l-istess xhieda jinstemgħu mill-ġdid u dan stante illi x-xhieda ma kinitx ġiet irrekordjata u traskritta[1];

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, inkluż il-kunsens tal-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor (Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta), liema kunsens iġib id-data tal-15 ta' Marzu 2011[2];

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni[3] u rat is-sentenza minnha esebita;

Rat illi minkejja illi d-difiża ngħatat żmien sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, din baqgħet ma ġietx esebita[4];

Rat dak sottomess mid-difiża fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2022 u n-nota esebita mill-imputat fit-2 ta' Novembru 2022[5];

Rat in oltre n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat tat-30 ta' Marzu 2023 ;

**Ikkunsidrat:**

---

[1] A fol. 39 tal-proċess.
[2] A fol. 5 tal-proċess.
[3] A fol. 244 *et seq* tal-proċess.
[4] Ara l-verbal a fol. 243 tal-proċess.
[5] A fol. 255 *et seq* tal-proċess.

Illi l-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni in sostenn tal-imputazzjonijiet odjerni huma s-segwenti:

1. **L-Ispettur Ramon Mercieca** jixhed illi nhar it-22 ta' Diċembru għall-ħabta tal-11:30 a.m., huwa kien irċieva telefonata mingħand Dr. Borg mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob, fejn ġie nfurmat bil-ħsieb tagħhom illi jagħmlu spezzjoni ġewwa l-fond bl-isem ta' 'Ġojja Amusement', sitwat ġewwa numru 5, Triq Indri Cilia, Ħamrun. Jixhed ukoll illi dan spjegalu illi nhar it-18 ta' Novembru, wieħed mill-uffiċjali tal-Awtorita` kien mar fl-istess fond, u hemmhekk ġiet offruta lilu l-opportunita` illi jilgħab xi magni tal-logħob li kien hemm fl-istess fond, u ngħata xi flus għar-rebħ. Skont Dr. Borg, l-Awtorita` kompliet tirċievi rapporti simili u għalhekk kienet ittieħdet id-deċiżjoni li ssir spezzjoni fil-post. Jixhed in oltre illi għalhekk huwa kien ta struzzjonijiet lil PS 1195 sabiex imur fuq il-post u ma jħalli lil ħadd jidħol jew joħroġ minnu sakemm fuq il-post jasal ix-xhud u l-uffiċjali tal-Awtorita`. La darba fuq il-post, PS 1195 lemaħ lill-imputat odjern joħroġ mill-post u jsakkar. Dan ġie avviċinat minn PS 1195 li talab lill-imputat sabiex imur miegħu ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun sabiex ikellmu x-xhud dwar allegazzjonijiet illi kienu qed jitmexxew xi magni tal-logħob ġewwa l-imsemmi fond. Jixhed ukoll illi ftit tal-ħin wara waslu l-uffiċjali tal-Awtorita`, huwa spjega lill-imputat in-natura tar-rapporti li kellhom fil-konfront tiegħu, filwaqt illi tah is-solita twissija skont il-liġi, kif ukoll id-dritt illi jottjeni parir legali. L-imputat ikkonsulta ma' Dr. Jose` Herrera u ottjena parir illi jmorru flimkien fuq il-post. Jixhed illi huwa mar fuq il-post flimkien ma' pulizija oħrajn u uffiċjali mill-Awtorita`, fejn ġie nnutat illi kien hemm ħames magni, li huwa jiddeskrivihom bħala *gambing machines*, li kienu mixgħula, kif ukoll ħames magni oħra, li huwa jiddeskrivihom bħala *amusement machines*. Mill-verifiki li saru mal-Awtorita` rriżulta illi l-imputat kellu permess sabiex minn ġewwa l-istess fond, huwa jbiegħ jew jikri *amusement machines.* Il-*gambling machines* fl-istess fond kellhom *serial number* differenti u quddiehom kien hemm banketti li fuqhom in-nies setgħu jpoġġu bil-qegħda, u fuq magna minnhom, kien jidher il-valur tal-*jackpot*. Sussegwentement dawn il-magni ġew iffotografati u spezzjonati mill-uffiċjali tal-Awtorita`. Ix-xhud jixhed illi dawn ir-ritratti jinsabu esebiti fl-atti, kif ukoll illi l-magni tal-logħob ġew meħuda ġewwa l-*Quarter Master* tal-Pulizija fejn kienu qed jinżammu. Matul ix-xhieda tiegħu, l-Ispettur Mercieca rrefera għar-ritratti tal-magni in kwistjoni esebiti in atti[6], l-irċevuta li nħarġet fuq l-istess magni ffirmata mill-imputat[7], ir-rapport tal-Pulizija dwar il-każ[8], l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat[9], ritratt tal-permess tal-imputat mit-*Trade Licensing*

[6] Ara a fol. 4 tal-proċess.
[7] A fol. 8 tal-proċess.
[8] A fol. 9 tal-proċess.
[9] A fol. 12 *et seq* tal-proċess.

*Unit* fil-ħanut[10], l-att tat-twelid tal-imputat[11], kif ukoll il-fedina penali tiegħu[12].

**In kontro-eżami** x-xhud jixhed illi ma nstabux nies jilagħbu fuq l-istess magni meta aċċedew fuq il-post, iżda huwa kien ġie mgħarraf minn Dr. Borg illi fit-18 ta' Novembru 2010, ċertu Michael Spiteri, Spettur fi ħdan l-Awtorita` kien daħal fil-fond għall-fini ta' spezzjoni, beda jilgħab fuq magna partikolari u ngħata lura għoxrin ewro f'rebħ minn Raymond Brincat. Kien għalhekk illi Dr. Borg kien ikkomunika miegħu kif xehed in eżami u saret l-ispezzjoni odjerna, fejn aċċeda huwa wkoll fl-istess fond, b'dan illi dakinhar ossia nhar it-22 ta' Diċembru, ma kien hemm ħadd jilgħab. Filfatt dakinhar l-imputat fetaħ il-ħanut quddiemhom, wara illi qabel huwa diġa` kien għalaq il-fond sabiex jitlaq. Jixhed ukoll illi l-liċenzja tal-imputat kienet dwar bejgħ u kiri ta' *amusement machines* u mhux ta' *gaming machines.*[13]

2. **PS 1195 Conrad Debattista** jixhed illi nhar it-22 ta' Diċembru 2010 għamel spezzjoni ġewwa 'Gojja Amusement' fi Triq Indri Cilia, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Mercieca, sabiex jara jekk dan kienx miftuħ u sabiex jinforma lil Raymond Brincat illi l-istess Spettur xtaq ikellmu. Jixhed illi għall-ħabta ta' 11.45 a.m. Brincat ħareġ mill-ħanut u huwa talbu sabiex imur miegħu ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun, fejn l-Ispettur Mercieca informa lil Brincat illi kienu ser imorru xi uffiċjali mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob sabiex jagħmlu spezzjoni fil-ħanut tiegħu, u hekk sar wara illi Brincat ingħata d-dritt li jottjeni parir legali, liema dritt huwa kien eżerċitah wara li tkellem ma' Dr. Jose` Herrera. Jixhed ukoll illi aċċedew fuq il-post flimkien mal-uffiċjali tal-Awtorita`, fejn sabu ħames magni ossia *gambling machines* ta' kulur aħmar tal-marka Vegas Multigame u ħames magni oħra ossia *amusement machines,* liema magni kienu mixgħulin. Jgħid ukoll illi kien hemm ħames banketti mifruxa quddiem il-magni. Il-magni tal-logħob ġew spezzjonati u elevati. Ix-xhud għaraf ir-rapport Dok. CD redatt minnu[14], ir-ritratti mmarkati Dok. A[15] bħala ritratti tal-magni in kwistjoni u tas-siġġijiet li huwa rrefera għalihom bħala banketti fix-xhieda tiegħu, kif ukoll lill-imputat odjern bħala Raymond Brincat.[16]

[10] A fol. 13 tal-proċess.
[11] A fol. 14 tal-proċess.
[12] A fol. 15 tal-proċess.
[13] A fol. 43 *et seq* tal-proċess.
[14] A fol. 9 tal-proċess.
[15] A fol. 17 tal-proċess.
[16] A fol. 50 *et seq* tal-proċess.

3. **Joseph Falzon**, dak iż-żmien Spettur fi ħdan l-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob, jixhed illi huwa kien involut f'żewġ spezzjonijiet, waħda nhar it-22 ta' Novembru 2010 u oħra nhar it-22 ta' Diċembru 2010. Jixhed illi fit-22 ta' Diċembru 2010, fil-11.00 a.m., kien aċċeda fil-fond 'Ġojja Amusement Limited', 5, Triq Indri Cilia, Ħamrun flimkien ma' PC 805, PS 1195 u l-Ispettur Ramon Mercieca u illi hekk kif daħlu lemħu ħames *gaming devices* tat-tip Vegas Multigame u ħadu r-referenza tagħhom. Skont ix-xhud, "*Gaming devices huma magni simili bhal ma ssib fil-casinos jigifieri ghandhom affarijiet li l-magna titqies bhala gaming device u mhux amusement machine*". Muri r-ritratt Dok. A, a fol. 17 tal-proċess, huwa jixhed illi dawn kienu l-magni li nstabu fuq il-post li kien ħadhom huwa stess, u illi fuq il-post kien hemm ukoll ħames magni oħra li kienu *amusement machines*. Jixhed ukoll illi waħda mill-magni bis-*serial number* 02407065 kienet qed turi *jackpot* bil-valur ta' €582.69[17], filwaqt illi l-erba' magni l-oħra ma kinux qed juru *jackpot*. B'referenza għall-ispezzjoni li saret fit-22 ta' Novembru 2010, huwa jixhed illi dakinhar ukoll kienu *team* ta' spetturi akkumpanjati minn PS 201 u PC 744, marru fl-istess fond fejn ukoll kien hemm l-imputat odjern u hemmhekk raw ħames *amusement machines* li kienu mitfijin, kif ukoll *soft toy crane type* ossia magna qisha *crane* li tiġbor is-*soft toys*. Faċċata ta' dawn il-magni kien hemm l-istess ħames *gaming devices* Vegas Multigame, li nstabu fit-tieni spezzjoni. Waħda mill-magni kienet qed turi *cancelled credit* ta' €246, li skont ix-xhud, ifisser illi l-magna tat rebħ u illi dan ġie kkanċellat.

   **In kontro-eżami** x-xhud jixhed illi l-magni ma kienx fihom flus u illi ma jafx meta ġie kkanċellat il-*credit* li jirreferi għalih. Jixhed in oltre illi l-imputat ma kienx ġie avżat li kienet se ssir din l-ispezzjoni u illi din saret għall-għarrieda.[18]

4. **Etienne Attard** mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob jixhed illi nhar it-22 ta' Diċembru 2010, għall-ħabta tal-11.00 a.m., kienu aċċedew ġewwa ħanut bin-numru 5, Triq Indri Cilia, Ħamrun, fejn instabu ħames kaxxi tal-logħob tal-marka Eurovegas, li kienu *multigame*, manifatturati l-Polonja. Jixhed ukoll illi waħda mill-magni kellha '*Progressive*' fuqha, li jfisser illi "*ghandek fond ta' flus fejn mill-ammont li tkun qed tilghab, jinkrementa biex inti meta ggib il-combination tkun qed tilghab ghalih u tiehu dak il-fond, bhal jackpot. Tip ta' jackpot. Dejjem tiela' u dejjem jinkrementa, m'ghandux limit. Jackpot ikollok ezempju 1000 Euro u dan m'ghandux limit, jibqa' tiela ... meta jintrebah jerga' jibda mill-base value.*" Jixhed in oltre illi "*f'amusement machine ma jistax ikollok progressive*", fejn wieħed ikun qed jilgħab biss *arcade game* u illi huwa qatt ma ra *arcade*

[17] Ara Dok. A2, a fol. 24 tal-proċess.
[18] A fol. 54 *et seq* tal-proċess.

*game* bi *progressive.* Sabiex ikun hemm *progressive,* irid ikun hemm logħob illi jagħti rebħ. Jixhed illi ma jidhirlux illi kien hemm nies jilagħbu meta aċċedew fil-fond u dan filwaqt illi jiddeskrivi dak li ra bil-mod segwenti: "*Jien li nista nghid fuq dawn il-kaxxi li jikkonsistu fil-bet u fil-credit, push button biex tintlaghab il-loghba u taghzel il-lines, kemm ser tibbetja inti biex tiehu rebh u thallsek. Kellha wkoll bill acceptor li taccetta l-flus u coin inland biex tilghab bil-coins. Kellha touch screen ukoll ghax kienet tista' tintlaghab touch screen u biex taghzel il-loghob peress li kienet multi game.*" Jixhed in oltre illi l-magni kienu mixgħulin u li ma kienx fihom flus. B'referenza għar-ritratt Dok. A1, a fol. 23 tal-proċess, ix-xhud jindika l-*progressive* fuq il-magna li rrefera għaliha fix-xhieda tiegħu, li skont hu, dejjem jiżdied sakemm wieħed iġib il-*combination* biex jieħu dawn il-fondi. B'referenza għar-ritratt Dok. A2, a fol. 24 tal-proċess, ix-xhud jgħid filwaqt illi jindika l-ammont ta' €582.69 li jidher fl-istess ritratt taħt l-intestatura '*Jackpot*', illi dan huwa l-ammont li jkun tħallas, stante illi "*meta l-magna thallas xi haga, tibqa' turik l-ahhar rebh li jkun sar fuq il-magna*" u li allura "*qed jimmarka li gie mhallas dak l-ammont. Il-magna hekk timmarka*". Fil-każ ta' *amusement machine,* il-magna ma tagħtix rebħ, iżda sempliċiment tispiċċa l-logħba meta l-flus li wieħed jitfa' fiha jispiċċaw.[19]

5. Fis-seduta tal-24 ta' Frar 2014, **Michael Spiteri** mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob jixhed illi f'Novembru 2011 (fir-rigward tad-data jgħid illi ma kienx ċert mija fil-mija, imma żgur kien Novembru 2011) huwa kien intbagħat f'post il-Ħamrun miċ-*Chief Inspector* tal-Awtorita` Philip Warzee, fejn kien hemm il-magni u dan sabiex jaraw x'tip ta' magni kienu. Mistoqsi mill-Prosekuzzjoni jekk kienx ġie avviċinat, imbeżża' jew mitkellem minn xi ħadd, huwa jinnega dan. Jixhed illi huwa mar jiċċekkja dawn il-kaxxi u rriżulta illi ħamsa minnhom setgħu jintużaw għal-logħob tal-flus, filwaqt illi ħamsa oħra kienu *pure amusement*. Dakinhar mar waħdu. Jixhed ukoll illi f'Diċembru kienu marru spetturi oħrajn. Ix-xhud innega illi meta mar fil-fond, huwa lagħab u ngħata l-flus, għalkemm wara jixhed illi verament kien lagħab xi ħaġa żgħira tal-flus, illi s-superjuri tiegħu qalulu biex imur jilgħab il-flus u hekk għamel billi mar fuq waħda minnhom. Iżid in oltre illi "*jien qatt ma kont favur ta' dan kollu li qed naghmel ghax qatt ma kien jaghmel sens onestament. Jigri x'jigri qatt ma stajna nkunu nafu hekk jekk dawn il-machines kienu jintlaghbu*". Ma jiftakarx kemm lagħab flus u lanqas jiftakar jekk kienx tħallas ir-rebħ.[20] Riprodott fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014, l-istess **Michael Spiteri** jippreżenta rapport li kien ġie redatt mill-ispetturi li kienu wettqu l-

[19] Ara a fol. 64 *et seq* tal-proċess.
[20] A fol. 71 *et seq* tal-proċess.

ispezzjoni nhar it-22 ta' Diċembru 2010, inkluż minnu[21], u jixhed illi dakinhar kien mar fl-istess fond flimkien maċ-*Chief Inspector* u żewġ kollegi oħra. Jixhed illi qabel dakinhar, f'Novembru, ukoll mar fuq il-post, din id-darba waħdu, stante illi kien qed isir eżerċizzju biex ikunu jafu x'hemm fil-lokalita` u dan biex jaċċertaw ruħhom li jkun hemm il-kaxxi. Dwar din l-okkażjoni jixhed illi jiftakar illi kien ħa nota viżwali tat-tip ta' *gaming machines* li kien hemm. B'referenza għax-xhieda tiegħu ta' qabel, huwa jixhed illi ma jiftakarx li lagħab xi flus, jerġa' jgħid fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni illi ma ġiex mhedded, u wara li saret referenza għax-xhieda tiegħu preċedenti jgħid illi l-każ ta' Novembru ma tantx jiftakru, li kien ħa noti iżda ma żammhomx, u wara illi kien kiteb notamenti li kien kien għaddihom liċ-*Chief Inspector* Philip Warzee. Jixhed ukoll illi ma jiftakarx jekk l-imputat odjern kienx l-istess persuna li kien fil-fond meta mar f'Novembru.[22]

Riprodott fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2015, imbagħad, b'referenza għal Dok. JB ossia rapport esebit minn Dr. Joseph Borg[23], **Michael Spiteri** jixhed illi dan huwa dokument li kiteb hu lil Philip Warzee, għalkemm jgħid illi ma jistax jifhem għaliex dan mhux iffirmat.

**In kontro-eżami** x-xhud jikkonferma li dan kien dokument li kitbu hu u li dan seta' jgħidu mill-mod kif kien miktub, u mhux għax kien jiftakar. Jixhed ukoll illi kien ċert li kienu marru fit-22 ta' Diċembru 2010 u li ġara skont ir-rapport seħħ xahar qabel preċiż ossia fit-22 ta' Novembru 2010, iżda dan ir-rapport kien datat 18 ta' Novembru 2010. Finalment ix-xhud jixhed illi "*Ifhem cert ufficjali ma tantx nista nkun, mit-tip ta' dokument li hu*".[24]

6. **PC 64 Jack Sultana** jixhed b'referenza għal Dok. JS[25] illi mill-verifiki li għamel irriżultalu illi l-imputat kellu liċenzja sabiex iżomm affarijiet għall-bejgħ li mhux ikel u dwar bejgħ u kiri ta' *amusement machines*.[26]

7. Fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014, **Dr. Joseph Borg** li fiż-żmien mertu tal-każ kien jaħdem mal-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob, jixhed illi kien daħal rapport fis-sens li kien hemm ħanut bil-kaxxi tal-logħob ossia 'Ġojja Amusement', il-Ħamrun u illi għalhekk huwa kien talab liċ-*Chief Inspector* Philip Warzee sabiex isegwi l-każ. Dan seħħ fl-aħħar tas-sena 2010 jew fil-bidu tas-sena 2011. Jixhed illi Warzee kien mar xi darbtejn josserva l-post

[21] Ara Dok. MS, a fol. 106 tal-proċess.
[22] Ara a fol. 99 *et seq* tal-proċess.
[23] Ara paragrafu iżjed 'l isfel f'paragrafu 7.
[24] A fol. 151 *et seq* tal-proċess.
[25] A fol. 34 u 35 tal-proċess.
[26] A fol. 83 u 84 tal-proċess.

minn barra, illi dan ma kienx *bar* normali li tista' taqbad u tidħol fih faċilment, illi kellu s-*CCTVs* fuq barra u allura kien jeħtieġ pjan sabiex jaċċedu fil-fond sabiex jaraw x'kien fih. Għalhekk kienu bagħtu lil Spettur tal-Awtorita`, ċertu Michael Spiteri, biex jilgħab il-flus fil-kaxxi. Jixhed in oltre illi Spiteri kien mar waħdu u "*kien laghab 20 Euro jekk mhux sejjer zball u he cashed out*", b'dan illi ma kinitx il-magna li tagħtu l-flus, iżda kien sid il-post "*li jidhirli kien identifika propju lis-Sur Brincat*" li tah il-flus wara li lagħab. Jgħid illi dwar dan kellu rapport mingħand Michael Spiteri. Jixhed in oltre illi dan il-każ kien jiftakru b'mod partikolari għaliex Spiteri għamel xi żmien jgħidilhom illi kien qed iħossu mhedded u illi kien qed jirċievi telefonati anonimi, tant illi l-Awtorita`offrietlu l-protezzjoni. Ix-xhud jixhed ukoll illi kien tkellem mal-Ispettur Mercieca u kienu anke kkorrispondew dwar dan il-każ, kif ukoll illi l-ispezzjoni mill-Awtorita` saret fit-22 ta' Diċembru 2010. Jixhed in oltre illi kien anke ikkorrisponda mal-Ispettur Mercieca u tah direzzjoni dwar il-liġi li a bażi tagħha setgħu joħorġu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat wara li kienu diġa` saru spezzjonijiet fil-post.

**In kontro-eżami** jixhed illi huwa ma marx fuq il-post u li lill-imputat ma jafux. Jixhed in oltre illi l-imputat kien magħruf mal-Awtorita` bħala li kellu negozju tal-kaxxi tal-logħob u illi dan kien illegali, għaliex ma kienx hemm liċenzja dak iż-żmien.[27]

Riprodott fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, **Dr. Joseph Borg** ippreżenta r-rapporti li huwa kellu dwar il-każ, ossia rapport ta' Michael Spiteri lil Philip Warzee esebit bħala Dok. JB[28], rapport ta' Frank Camilleri bħala Dok. JB 1[29] u rapport ieħor ta' Joseph Falzon bħala Dok. JB 2[30], it-tnejn spetturi fi ħdan l-Awtorita`.[31]

8. **PS 518 Anthony Degiovanni** jixhed illi fit-22 ta' Diċembru 2010 huwa kien involut fil-proċess sabiex jiġu elevati l-kaxxi tal-logħob in kwistjoni, bis-*seriel numbers* 01107065, 01407065, 02707065, 2407065 u 00507065.[32]

Illi da parti tagħha, <u>id-difiża</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. L-imputat **Raymond Brincat** jixhed illi tramite l-kumpanija tiegħu 'Joy and Amusement Limited' (il-Qorti tqis illi huwa evidenti illi din kienet il-

---

[27] A fol. 86 *et seq* tal-proċess. Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2015, **Joseph Falzon** jagħraf ir-rapport tiegħu (ara a fol. 147 *et seq* tal-proċess).
[28] A fol. 120 *et seq* tal-proċess.
[29] A fol. 124 tal-proċess.
[30] A fol. 125 tal-proċess.
[31] A fol. 116 *et seq* tal-proċess.
[32] A fol. 107 *et seq* tal-proċess.

kumpanija Ġojja Amusement Limited u illi dan kien żball tat-traskrittriċi), huwa kien ilu għal aktar minn ħamsa u għoxrin sena involut fix-xiri, kiri u bejgħ ta' *amusment machines*. Jixhed illi sussegwentement l-Awtorita` ntroduċiet sistema ġdida magħrufa bħala *Video Lottery Terminal* – filwaqt illi spjega illi dawn kienu magni tal-logħob tal-azzard - u kjarifika mal-kbarat tal-Awtorita` illi huwa seta' jixtri u jbiegħ dawn il-magni mill-ħanut tiegħu. Jixhed ukoll illi għall-ewwel ittenta jimporta dawn il-magni huwa stess, iżda l-manifattur infurmah illi diġa` kien hawn operatur f'Malta ossia ċertu Daniel Schembri, bir-riżultat illi huwa ordna u xtara dawn il-magni tal-logħob mingħandu għall-ħabta tas-sena 2005. Jixhed in oltre illi fit-22 ta' Diċembru 2010 huwa kien fil-ħanut, 5, Triq Indri Cilia, Ħamrun u hekk kif għalaq, f'nofsinhar, marru żewġ Pulizija fuqu li nfurmawh li ried ikellmu l-Ispettur Ramon Mercieca ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun, mar ġewwa l-Għassa, u ftit wara aċċedew fil-fond tiegħu l-pulizija flimkien ma' uffiċjali mill-Awtorita`, li kienu talbuh sabiex jiftaħ il-bibien tal-kaxxi kollha. Jixhed illi minn dawn il-magni ossia *VLTs* jew magni tal-logħob tal-ażżard, kien hemm ħamsa, filwaqt illi kellu wkoll *amusement machines* u illi l-fond kien jikkonsisti f'kamra bil-magni, fejn kien hemm ukoll skrivanija li kienet tintuża minnu. Mill-ħanut huwa kien ibiegħ dawn il-magni tal-logħob u kien juri l-magni lill-klijenti nteressati billi jipprova l-magna quddiehom u jurihom kif taħdem billi jitfa' l-flus. Jixhed illi l-magni kienu ġodda u ma kienx fihom flus. Jikkonferma wkoll illi r-ritratti tal-magni esebiti mill-Prosekuzzjoni (a fol. 4 tal-proċess) kienu l-istess magni li kien qed jixhed dwarhom. Jixhed in oltre illi preċedentement, il-Pulizija kienu aċċedew ukoll fl-istess fond fit-22 ta' Novembru 2010. Kull darba li kienu jmorru kienu jitolbuh jiftaħ il-kaxxi. Itenni illi l-Pulizija kienu marru diversi drabi jagħmlu l-verifiki tagħhom, anke billi raw is-*CCTVs* li kellu fil-fond u illi qatt ma sabu flus fil-kaxxi, għaliex skont hu, dawn ma kienux jilagħbuhom in-nies. Jixhed in oltre illi huwa kellu liċenzja dwar dawn il-magni, u illi min-naħa tal-Awtorita` kienu qalulu li jista' jixtri magni bis-sistema tal-*VLT*, għalkemm skont hu, "*li ma jistghux jilaghbu u hekk*".

**In kontro-eżami** l-imputat jesebixxi l-liċenzja li huwa kellu li tirreferi għal *amusement machines, sales and hire* li nħarġet lilu mid-Dipartiment tal-Kummerċ u illi kienet valida bejn l-1 ta' Jannar 2010 u l-31 ta' Diċembru 2010.[33] B'referenza għal *VLTs* huwa jgħid illi dawn kienu jaħdmu bl-*internet*, li jkunu komunikati ma' *server* meta joperaw u allura wieħed ikun jaf id-dħul u l-ħruġ, iżda ma kinux imqabbdin mal-*internet*. Jixhed ukoll illi huma *gambling machines* u jrebbħu l-flus. Jixhed in oltre illi f'każ ta' rebħ, ma kinitx il-magna li tagħti l-flus iżda l-operatur tal-magna. Huwa

[33] Dan id-dokument jinsab esebit bħala parti minn Dok. RB 5, a fol. 223 tal-proċess.

esebixxa sett ta' dokumenti, Dok. RB 6, rigwardanti l-akkwist tal-magni in kwistjoni. Jixhed ukoll fir-rigward tal-magna li kienet turi fuqha valur ta' €582.69, illi "*din kellha ammont ta' meta jien xtrajtha. Ammont tal-fabbrika. Tkun ippruvata l-fabbrika qabel ma harget fis-suq, u kien hemm ammont tal-operatur li xtrajt jien minghandu, bhala l-flus biex jurini. U mbaghad waslet ghandi b'dak l-ammont, jekk gie bniedem jew xi operatur iehor*". Meta ġie ssuġġerit lilu madankollu illi biex il-*jackpot* jikber għas-somma ta' €582.69, iridu jintefgħu ħafna iżjed flus fil-magna, l-imputat wieġeb illi ma jafx kemm kien jogħla l-*jackpot*, għalkemm wara jgħid ukoll illi l-*jackpot* jiżdied bil-mod u mhux bl-istess ammont ta' flus li wieħed ikun tefa' fil-magna, b'dan għalhekk illi kkonferma illi l-ammont ta' €582.69 ma jirriflettix l-ammont ta' flus li daħlu fil-magna. Madankollu mistoqsi kemm jidħlu flus fil-magna biex il-*jackpot* jitla' €582.69, huwa jgħid illi ma jafx. Wara jgħid illi dan l-ammont mhuwiex il-*jackpot,* li din kienet biss *demonstration* u li wara taf tara numru ieħor, għax dan kien *random.* Skont hu, "*Daka tkun ghamlitu l-fabrika bhala demonstration minn loghba ghal ohra. Jitbiddel dejjem*". Wara jixhed illi kien għadu jġib il-magni bħal donnu allura ma kienx jaf eżatt u jixhed ukoll illi għalkemm dawn akkwistahom fis-sena 2006, ma jafx waslux għandu fis-sena 2008 jew 2009. Jixhed ukoll illi meta ġew għandu l-Pulizija f'Diċembru 2010, kienu ilhom għandu xhur u dan minkejja illi mid-dokumenti li huwa esebixxa, jirriżulta illi l-ħames magni in kwistjoni kienu nxtraw minnu fis-sena 2006 u illi l-konsenja tagħhom kellha ssir fi żmien tnax-il ġimgħa. Jinsisti wkoll illi f'okkażjonijiet preċedenti uffiċjali mill-Awtorita` kienu ħadu ritratti tal-*meters* tal-magni '*in*' u '*out*'. Meta ġie ssuġġerit lilu illi xi uffiċjali pajżana tal-Awtorita` kienu lagħbu l-magni billi tefgħu l-flus u illi huwa kien ħallashom, ix-xhud jinnega dan, jgħid illi dan kien *frame-up*, li għandu ma mar ħadd u illi dawn taw xi flus lill-uffiċjal, iżda dan tefagħhom fil-but u ma marx għandu, kif ukoll illi Spiteri xehed illi kien mar f'garaxx, meta huwa jopera ħanut u mhux garaxx, apparti li x-xhud ma għarfux.[34]

2. **Daniel Schembri** jixhed illi huwa kien kompetitur tal-imputat u illi huwa wkoll kien operatur, wara illi ddeskriva lill-imputat bħala operatur lokali ta' *amusement machines.* Fis-sena 2010 tramite l-kumpanija tal-familja, kienu jimpurtaw magni varji, filwaqt illi jirreferi għal *amusement machines* u illi kien jopera u jbiegħ dawn il-magni. Ix-xhud jagħraf il-firma tiegħu fuq Dok. RB 6 u jikkonferma li dan kien jirrigwarda bejgħ ta' magni mill-kumpanija tiegħu lill-imputat, ossia *amusement machines.* Jixhed ukoll illi b'direzzjoni li kienet ingħatat mill-Awtorita`, il-kumpanija tiegħu kienet importat *Video Lottery Terminals* għall-ħabta tas-sena 2007, liema magni

[34] Ara a fol. 163 *et seq* tal-proċess.

> kienu *gaming devices*. Jixhed ukoll illi l-magni li kien xtara l-imputat kienu *non pay out* li kellhom l-potenzjal, b'żidiet li jsirulhom, sabiex jiġu konformi mar-regoli li kienu qed jiġu proposti dak iż-żmien mill-Awtorita`. Skont ix-xhud "*once it was not paying out, it was an amusement*", iżda setgħu jsiru modifiki skont il-kriterji stabbiliti mill-Awtorita`.[35]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi m'hemmx dubju mill-provi proċesswali illi dakinhar tat-22 ta' Diċembru 2010, fil-fond in kwistjoni nstabu ħames magni tal-logħob tad-divertiment jew *amusement machines* u ħames magni tal-logħob tal-ażżard jew *gaming devices.* Dan jirriżulta kemm mix-xhieda tal-uffiċjali kollha tal-Awtorita` li raw u anke spezzjonaw il-ħames magni msemmija fuq il-post, kif ukoll mix-xhieda tal-imputat inniffsu illi jikkonferma kemm il-darba matul ix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri illi l-magni in kwistjoni kienu magni tal-logħob tal-ażżard jew *Video Lottery Terminals* (*VLTs*). Skont hu, dawn kienu ntiżi sabiex jinbiegħu minnu lil terzi persuni, iżda ma kienx isir logħob b'rebħ ta' flus minn dawn il-magni fil-fond li huwa kien jopera minnu u li fih saret spezzjoni fid-data msemmija.

Jirriżulta wkoll illi filwaqt illi l-imputat kien liċenzjat sabiex mill-fond in kwistjoni ossia 5, Ġojja Amusement, Triq Indri Cilia, Ħamrun, huwa jbiegħ u jikri magni tal-logħob tad-divertiment jew *amusement machines*, kif jirriżulta mix-xhieda ta' PC 64 Jack Sultana u anke mid-dokumenti esebiti fl-atti bħala maħruġa mit-*Trade Licensing Unit,* l-imputat ma kellu l-ebda liċenzja in konnessjoni ma' magni tal-logħob tal-ażżard. Jibda biex jingħad fir-rigward illi fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami, Dr. Joseph Borg jixhed b'referenza għan-negozju tal-kaxxi tal-logħob (tal-ażżard) ġestit mill-imputat, illi dan kien illegali għaliex ma kienx liċenzjat dak iż-żmien. Fit-tieni lok, dan huwa kkonfermat mill-imputat stess fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri li minkejja li jgħid illi kellu liċenzja fir-rigward ta' dawn il-magni tal-logħob tal-ażżard, illi l-permess li kellu jindika li kien ibiegħ kwalunkwe tip ta' kaxxi, u illi skont hu mill-Awtorita` kienu qalulu li seta' jixtrihom u jbiegħhom mill-ħanut, għalkemm ma setgħux jintlagħbu, meta mistoqsi in kontro-eżami sabiex juri din il-liċenzja li kien qed jirreferi għaliha, huwa għal darb'oħra jirreferi u jippreżenta l-liċenzja mit-*Trade Licensing Unit* li permezz tagħha seta' jbiegħ u jikri *amusement machines*, skont hu, wara li dan id-dipartiment għamel il-verifiki tiegħu mal-Awtorita` u sakemm sar il-ftehim dwar il-*Video Lottery Terminals.* Għalhekk, minn imkien ma jirriżulta illi l-imputat kellu xi permess dwar makni tal-logħob tal-ażżard, kif jgħid hu fix-xhieda tiegħu.

---

[35] A fol. 231 tal-proċess.

Il-Qorti lanqas m'għandha dubju mill-provi prodotti illi fil-fatt dawn il-kaxxi tal-logħob tal-ażżard kienu jintużaw fil-fond in kwistjoni sabiex jintlagħbu u jrebħu l-flus, kuntrarjament għal dak li jixhed l-imputat. Hawnhekk il-Qorti tirreferi għax-xhieda ta' Dr. Joseph Borg, li minn *email* li esebixxa huwa stess[36] jirriżulta illi fiż-żmien in kwistjoni kien *Chief Regulatory Officer* fi ħdan l-Awtorita`, fis-sens illi mill-Awtorita` kienu bagħtu lil Michael Spiteri, spettur fi ħdan l-istess Awtorita` fil-fond in kwistjoni, illi dan kien lagħab xi flus, jekk jidhirlu sew għoxrin ewro (€20), u illi kien ingħata rebħ fi flus, mhux mill-magna stess iżda mill-persuna li kienet qed topera l-fond.

Fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, Michael Spiteri kien riluttanti ferm sabiex jixhed u mingħajr tlaqliq il-Qorti tgħid ukoll illi m'għandhiex dubju illi partijiet mix-xhieda tiegħu ma kienu xejn veritieri. Dan il-Qorti tgħidu mhux biss għaliex dan huwa bil-wisq evidenti, anke mit-traskrizzjonijiet tax-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, li fihom xehed ben tliet darbiet, iżda wkoll mill-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, fir-rigward ta' liema l-Qorti nnutat illi l-istess xhud kien skomdu ferm, tant li saħansitra beda jegħreq ħafna[37] u beda jagħmel minn kollox sabiex jevadi ċerti domandi. Tqis ukoll fir-rigward illi minkejja li l-istess Spiteri innega iżjed minn darba illi ġie avviċinat, mitkellem, imbeżża' jew mhedded in konnessjoni ma' dan il-każ, u dan fuq domandi tal-Prosekuzzjoni, Dr. Joseph Borg jixhed illi dan il-każ kien jiftakru b'mod partikolari għaliex Spiteri kien għamel żmien jgħidilhom li kien qed iħossu mhedded u li kien qed jirċievi telefonati anonimi, tant illi kien ġie offrut protezzjoni.

Jirriżulta mix-xhieda ta' Spiteri illi fil-fatt huwa kien mar fil-fond in kwistjoni waħdu f'Novembru 2010, fuq struzzjonijiet taċ-*Chief Inspector*, dak iż-żmien Philip Warzee, u hemmhekk kien sab ħames *amusement machines* u ħamsa oħra li kienu *gaming devices* ossia li setgħu jagħtu l-flus. Jikkonferma wkoll illi kien lagħab xi ħaġa żgħira tal-flus, iżda jixhed illi ma jiftakarx ingħatax rebħ fi flus. Mir-rapport esebit minn Dr. Joseph Borg bħala r-rapport li kien għamel Michael Spiteri lil Philip Warzee, jirriżulta illi nhar it-18 ta' Novembru 2010, Spiteri kien mar ġewwa l-fond 'Gojja Amusement' fil-Ħamrun, li hemmhekk sab ħames *gaming devices*, apparti *amusement machines,* li dawn ilkoll kellhom *bill validators* u kienu jaċċettaw flus f'denominazzjonijiet ta' għoxrin ewro, għaxar ewro u ħames ewro, illi huwa lagħab karta tal-għoxrin ewro u oħra tal-għaxar ewro, u illi wara li għamel kwazi tliet kwarti jilgħab, iddeċieda li jieħu r-rebħ. Għalhekk skont ir-rapport tiegħu, "*I called the person who attends the premises, and immediately gave me €20 for my 2000 credits*". Ir-rapport jgħid ukoll illi "*Promptly, the attendant keyed down my credits (Points), by means of a key switch and the machine was back to idle and ready for play*".

---

[36] Ara Dok. JB, a fol. 95 *et seq* tal-proċess.

[37] Dan fil-fatt il-Qorti kkummentat dwaru, a fol. 215 tal-proċess.

Il-Qorti tinnota illi dan ir-rapport mhuwiex iffirmat, iżda tenut kont tax-xhieda ta' Dr. Joseph Borg, m'għandhiex dubju illi dan kien proprju r-rapport ta' Spiteri fir-rigward tal-ispezzjoni tiegħu, liema rapport minkejja li ma kienx indirizzat lill-istess Dr. Joseph Borg, kien fil-pussess tiegħu fid-dawl tal-posizzjoni tiegħu fi ħdan l-Awtorita` fiż-żmien in kwistjoni. Dan qed jingħad ukoll minkejja x-xhieda xejn konvinċenti fir-rigward tal-istess rapport da parti ta' Spiteri stess. Dwar dan il-Qorti tinnota illi minkejja li in kontro-eżami, Spiteri jgħid illi huwa seta' jagħraf li r-rapport kien tiegħu mhux għax jiftakar il-kontenut tiegħu, iżda għax l-ingliż użat jixbaħ lil tiegħu, li ma jiftakarx li kien għamel dak id-dokument partikolari għalkemm kien jiftakar li kien għamel dokument dwar dik l-okkażjoni u li ma tantx jista' jkun ċert li dan id-dokument kitbu hu, in eżami madankollu, huwa jixhed mill-ewwel hekk kif ġie muri l-istess dokument, li dan kien dokument li kitbu hu lil Philip Warzee, jikkonferma li kien rapport tiegħu lill-istess Warzee, li għalkemm il-verżjoni ma kienx jiftakarha b'mod ċar, il-kitba u l-ingliż użat kienu tiegħu u jikkonferma li dan kien dak li kiteb hu. Anke in kontro-eżami, fi stadju minnhom, jirrepeti li kien kitbu hu u dan mill-mod li kien miktub. Il-Qorti tinnota wkoll fir-rigward illi minkejja illi x-xhud jgħid iżjed minn darba illi ma jiftakarx il-verżjoni kontenuta fir-rapport b'mod ċar, f'punt minnhom jgħid ukoll hekk dwar dan ir-rapport:

> "Avukat: Naqblu li inti qed taraha ftit stramba li d-data mhix dik id-data li qed tiftakar inti?
>
> Xhud: Ghax il-karta li tghajjatli hawn tirreferi ghat-22 ta' Dicembru. Li jien cert ghal Dicembru. Pero l-kaz gara fit-22 ta' Dicembru meta morna l-inspectors tal-GA. Issa li naf zgur li xahar qabel preciz, fit-22 ta' Novembru, <u>kien gara dak li hawn miktub hawn hekk</u>." (sottolinear tal-Qorti)[38]

Il-Qorti tqis illi allura dan ifisser illi kuntrarjament għal dak li jgħid ix-xhud Spiteri f'partijiet oħra tax-xhieda tiegħu, huwa kien jiftakar il-verżjoni kif kontenuta fl-istess rapport stante illi jixhed illi dan kien seħħ – fi kliemu "*kien gara dak li hawn miktub hawn hekk*" - iżda jiddubita mir-rapport, tenut kont tad-data, għaliex skont hu dan seħħ fit-22 ta' Novembru u mhux fit-18 ta' Novembru. Madankollu, mill-atti jirriżulta illi dak li seħħ fit-22 ta' Novembru 2010 kienet proprju spezzjoni oħra minn spetturi tal-Awtorita` fl-istess ħanut, u li dwarha jixhed Joseph Falzon, li kien preżenti għall-istess spezzjoni u li m'għandha x'taqsam xejn ma' dak li kien seħħ meta mar fil-ħanut waħdu l-istess Michael Spiteri. Il-Qorti m'għandhiex dubju mill-provi prodotti li fil-fatt fit-18 ta' Novembru 2010 kien seħħ dak li kiteb Michael Spiteri fir-rapport tiegħu, tant illi kien in segwitu għal dan li saret spezzjoni oħra mill-Awtorita` fit-22 ta'

[38] A fol. 155 tal-proċess.

Novembru 2010 u finalment wara l-konversazzjoni ta' Dr. Joseph Borg mal-Ispettur Ramon Mercieca, li dwarha jixhed l-istess Spettur u anke Dr. Borg, spezzjoni oħra fit-22 ta' Diċembru 2010 li wasslet għall-proċeduri odjerni. Hawn irid jingħad ukoll illi skont l-Ispettur Mercieca, dakinhar tat-22 ta' Diċembru 2010, Dr. Joseph Borg kien semmielu proprju d-data tat-18 ta' Novembru 2010 bħala d-data li fiha Michael Spiteri kien mar ġewwa l-ħanut in kwistjoni, li jkompli jikkorrobora dak miktub fir-rapport ta' Spiteri stess.

Il-Qorti qed tqis ukoll in oltre illi l-kontenut tar-rapport ta' Michael Spiteri huwa korroborat minn provi oħrajn riżultanti mill-atti proċesswali. Jibda biex jingħad illi fl-ispezzjoni tat-22 ta' Novembru 2010, waħda mill-magni in kwistjoni kienet turi kreditu kkanċellat ta' €246, li skont Joseph Falzon, spettur fi ħdan l-Awtorita`, ifisser illi l-magna tat rebħ, li mbagħad ġie kkanċellat. In oltre jirriżulta wkoll illi waħda mill-magni kellha *jackpot* ta' €582.69[39], li skont Etienne Attard, spettur u *technician* fi ħdan l-Awtorita`, huwa l-ammont li ġie mħallas "*ghax meta l-magna thallas xi haga, tibqa' turik l-ahhar rebh li jkun sar fuq il-magna*".[40] Fir-rigward, il-Qorti tqis illi l-imputat jixhed ukoll illi dawn il-magni kienu ġodda fjamanti, iżda fl-istess waqt jipprova jiġġustifika l-ammont ta' €582.69 li kien jidher fuq il-magna billi jgħid illi l-fabbrika tipprova l-magna qabel tqegħdha fuq is-suq, kif ukoll illi l-operatur li mingħandu huwa xtara l-magna kien anke pruvaha biex jurih kif taħdem, apparti li jgħid illi huwa kien jagħmel l-istess meta kien imur għandu xi operatur sabiex jakkwista l-magni. Dawn fil-fehma tal-Qorti m'humiex ħlief skużi sabiex l-imputat jiġġustifika l-fatt illi l-magna kienet qed turi ammont ta' flus mirbuħ. Wara kollox l-istess imputat jixhed illi huwa ordna l-magni mingħand l-operatur u li dawn ġew impurtati għalih u illi għalhekk wieħed jistenna illi jekk l-operatur urieh kif tintlagħab il-magna, dan ma kienx se jagħmlu proprju fuq il-magna li ġablu minn barra. In oltre il-Qorti tinnota illi wara diversi mistoqsijiet lilu dwar x'kien jirrappreżenta l-ammont ta' €582.69, f'punt minnhom l-imputat jipprova jevadi milli jkompli jwieġeb billi jixhed illi dawn il-magni kienu ġodda u li kien għadu jġibhom, u illi meta ġew elevati mill-Pulizija, dawn kienu ilhom għandu xhur. Biss mid-dokumenti esebiti minnu jirriżulta illi huwa akkwista dawn il-magni, flimkien ma' għaxar magni oħra tal-istess għamla, fis-sena 2006, liema magni skont il-ftehim minnu esebit kellhom jiġu kunsinjati lilu fi żmien tliet xhur mid-data tal-konferma tal-ordni, kif ukoll illi ħarġitlu *invoice* dwar il-fornitura ta' dawn il-magni fit-18 ta' Settembru 2006. Jirriżulta wkoll minn Dok. RB6, a fol. 225 tal-proċess, illi f'Jannar 2008 u għalhekk evidentement wara l-konsenja tal-istess ħmistax-il magna, l-imputat ħallas depożitu għall-akkwist ta' programmi ġodda fuq l-istess magni. Dan kollu għalhekk jikkontrasta ferm ma' dak li jixhed l-imputat illi dawn il-magni kienu ilhom għandu biss xhur f'Diċembru 2010.

---

[39] Ara Dok. A2, a fol. 24 tal-proċess.

[40] A fol. 68 tal-proċess.

Il-Qorti tqis ukoll kif l-imputat jispjega illi l-magni in kwistjoni ma jħallsux rebħ u illi dan il-proċess isir minn persuna fiżika li tkun qed topera l-istess magni. Dan fil-fatt jikkombaċja sew ma' dak li jirriżulta li ġara nhar it-18 ta' Novembru 2010, meta Michael Spiteri daħal fil-fond in kwistjoni, lagħab il-flus u ġabar ir-rebħ mingħand persuna fiżika, li fiċ-ċirkostanzi u anke tenut kont tax-xhieda tal-imputat li jispjega kif kien hu li jopera l-ħanut in kwistjoni, il-Qorti m'għandhiex dubju illi kien l-istess imputat.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat kemm illi l-imputat kien fil-pussess ta' ħames magni tal-logħob tal-ażżard, kif ukoll illi dawn kienu effettivament jintlagħbu fl-istess ħanut għal rebħ ta' flus. In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, filwaqt illi l-fond in kwistjoni kien munit b'liċenzja, l-attivitajiet liċenzjati kienu *amusement machines sales and hire*, liema attivitajiet naturalment jeskludu l-bejgħ u/jew il-kiri ta' magni li m'humiex *amusement machines*.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Il-Qorti tosserva illi l-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta (kif ukoll il-Kapitolu 400 u liġijiet oħra li kienu jirregolaw il-logħob) u ċioe` l-liġi li bis-saħħa tagħha l-imputat odjern ġie mixli bl-imputazzjonijiet odjerni (salv għar-raba' imputazzjoni li tikkontempla r-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali), safa abrogat fil-mori ta' dawn il-proċeduri u dan bis-saħħa tal-**Att XVI tas-sena 2018**, b'effett mill-1 ta' Jannar 2019[41], salv għal dawk id-disposizzjonijiet dwar logħob provdut b'mezzi ta' komunikazzjoni minn distanza li kellhom effett biss sal-31 ta' Lulju 2018.

L-Artikolu 57(1) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6) u (7), l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor, l-Att dwar il-Logħob, l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku u l-Att għat-Twaqqif tal-Kariga ta' Direttur tal-Lottu Pubbliku, hawn iżjed 'il quddiem kollettivament imsejħa "il-leġiżlazzjoni mħassra", flimkien ma' kull leġiżlazzjoni sussidjarja magħmula taħthom, huma b'dan imħassra mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom.

Madankollu, bis-saħħa tal-istess Att li ħassar u abroga d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u l-liġijiet l-oħra msemmija, daħlu fis-seħħ disposiżizzjonijiet ġodda dwar il-governanza u r-regolamentazzjoni dwar il-logħob magħruf bħala l-**Att dwar il-Logħob**, illum il-**Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta**.

[41] Ara l-Artikolu 57(4) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jeħtieġ għalhekk illi l-Qorti tqis ir-reita` o meno tal-imputat dwar atti li fiż-żmien li twettqu, kienu allegatament jikkostitwixxu reat jew reati taħt liġi li llum ġiet abrogata. B'rabta ma' dan u kif diġa` ingħad, m'huwiex il-każ li l-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta u l-liġijiet l-oħra li ġew imħassra, ġew sempliċiment abrogati, iżda l-leġislatur ħaseb sabiex jaġġorna l-liġijiet dwar il-logħob b'liġijiet għal kollox ġodda in sostituzzjoni ta' dawk imsemmija. Il-Qorti tqis illi dan it-tibdil mil-leġislatur sar għal żewġ raġunijiet. Fl-ewwel lok, dan sar sabiex jiġu ndirizzati sfidi ġodda li toffri t-teknoloġija li dejjem tinbidel u li għalhekk teħtieġ aġġornament kostanti fil-liġijiet minn żmien għal żmien. Fit-tieni lok, l-istess tibdil seħħ sabiex jiġu konsolidati taħt liġi waħda, diversi liġijiet relevanti għal-lotteriji u l-logħob, u dan filwaqt li jiġu revokati liġijiet li l-leġislatur qies li ma kinux għadhom relevanti u meħtieġa fiż-żminijiet tal-lum.

Filwaqt illi dawn iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal kunsiderazzjonijiet *ad hoc*, tali ċirkostanzi m'humiex ġodda, tant illi l-Qrati kellhom opportunitajiet varji sabiex jindirizzaw l-aspett ġuridiku rigwardanti l-effett ta' tibdil leġislattiv bħal dak in diżamina.

Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Cassano** tat-28 ta' Settembru 2017, liema sentenza kienet tirrigwarda *inter alia* disposizzjoni tal-liġi li dwarha kien ġie mixli l-imputat u li ġiet imħassra wara illi huwa ġie hekk mixli, iżda qabel l-għoti tas-sentenza fil-konfront tiegħu. L-imsemmija Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "Illi fir-rigward tat-tieni akkuza li hija imfassla fuq l-artikolu 97(f)(i) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu jinghad illi din id-disposizzjoni tal-ligi giet imhassra permezz tar-regolament 42 ta' l-Avviz Legali 376 ta' l-2012. Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma baqax jigi hekk ikkunsidrat ftit xhur wara l-akkuza. Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem il-qorti ghalhekk hija tal-fehma illi fir-rigward tat-tieni akkuza ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza u tirrevoka konsegwentement is-sejbien ta' htija li wasslet ghaliha l-Ewwel Qorti:
>
> "*The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the*

*more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[42]

Illi l-Qorti Ewropeja kompliet tirraferma din il-posizzjoni fid-decizjonijiet li segwew bhal Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014 fejn gie ritenut:

"*The court notes that the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law, considered by the court in Scoppola (no. 2), as guaranteed by Article 7, is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant.*"[43]

Sahansitra il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghad-dritt penali kien tal-fehma illi:

*"In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation.*

*It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita`) that, in this hypothesis, the criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence.*"[44]

Kompliet tgħid il-Qorti illi:

*"B'hekk illum ghalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proceduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qieghed jitqies illi*

[42] Hawnhekk dik il-Qorti għamlet referenza għas-sentenza **Scoppola vs Italy**, App. No. 12049/03 – 17/09/2009 (Grand Chamber).
[43] Hawnhekk saret referenza wkoll għal **Ruban vs Ukraine** – 12/07/2016 u **Koprivnikar vs Slovenia**.
[44] Informazzjoni miksuba minn artikolu minn The Times of Malta data 27 ta' Frar 2017 "The more lenient criminal law" miktub mill-Profs. Kevin Aquilina.

*huwa leziv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-13 ta' April 2021, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Hany Abdullatif Tawkif Elkhawiny**, għalkemm f'dak il-każ kien hemm tibdil fil-piena kkontemplata fil-liġi wara ż-żmien tar-reat u wara s-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk mhux tibdil fil-liġi bħal fil-każ li għandha l-Qorti quddiemha llum, il-Qorti adottat l-istess posizzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ta' **Cassano** fuq ċitata u qalet hekk dwar din il-materja:

> "Il-punt huwa jekk u safejn Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' tapplika l-piena l-anqas gravi fil-każ fejn il-piena marbuta ma reat fiż-żmien meta jkun seħħ reat tiġi mibdula matul iż-żmien li imputat ikun qiegħed jiġi mixli b'reat partikolari li l-piena tiegħu tiġi mibdula – b'piena anqas – fil-mori ta' dawk il-proċeduri.
>
> 21. Il-prinċipju legali imsemmi huwa dak li jitnissel mill-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali u ċjoe illi : -
>
> > Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.[45]
>
> 22. Biss din il-kwistjoni legali mhix daqshekk sempliċi daqs kemm tidher. Għalkemm il-Kodiċi Kriminali huwa ċar fuq dan il-punt, jidher daqstant ċar li l-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali baqa' mhux mittiefes u mimsus sa minn meta l-Kodiċi Kriminali kien ġie promulgat bil-Proklama numru 1 tal-10 ta' Marzu 1854 li promulga l-Ordni tal-Maesta' Tagħha r-Reġina fil-Kunsill tat-30 ta' Jannar 1854. Dak iż-żmien l-artikolu 26 kien jaqra hekk :
>
> > Se la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era fissata nel tempo del reato fossero diverse fra loro, sara' sempre applicata quella di qualita' meno grave.
>
> 23. Dan huwa prinċipju sempliċi daqskemm importanti f'dan il-każ. Huwa prinċipju li, qalb diversi kien jagħmel il-Kodiċi Kriminali Malti wieħed mill-aktar Kodiċijiet għall-avangwardja ta' żmienu.

---

[45] Fit-test ingliż tal-Kodiċi Kriminali jingħad hekk:

> 27. If the punishment provided by the law in force at the time of the trial **<u>is different</u>** from that provided by the law in force at the time when the offence was committed, the less severe kind of punishment shall be awarded.

24. Fil-fatt anke l-Professur Sir Anthony Mamo kien kiteb fuq dan is-suġġett fil-**Lectures in Criminal Law**[46] fejn waqt li jgħid li l-injoranza tal-liġi kriminali mhix skużanti għal min jiskriha, kif ukoll li l-liġi kriminali tapplika minn meta tiġi promulgata l-quddiem u li ma għandhiex applikabbilita retroattiva, jgħid ukoll li pero:

> An apparent exception to the rule that a penal law cannot have retrospective effect occurs where a new law enacted after the commission of the offence is less severe or more advantageous to the offender than the law in force at the time the offence was committed. This hypothesis is twofold:-
>
> a) The law against which the offence was committed is subsequently repealed, so that the act is no longer criminal;
> b) The law against which the offence was committed is subsequently amended or changed so that, though the act is still criminal, the punishment or the conditions of liability and prosecution are varied.
>
> …
>
> The 'communis opinio' among continental writers is that where the law in foce at the time of the commission of the offence and the subsequent law are different, the offender should be dealt with according to the law which is more favourable to him. This means that if the law in force at the time of the trial is less favourable to the accused than the law in force at the time of the commission of the offence, it is the latter law that should be applied retrospectively to his prejudice (*sic*). If, on the contrary, the new law is more favourable to the accused than the law which was in ofrce at the time the offence was committed, then it is the new law that should be applied; for, if the old law were to be applied, it would have, as to the excess of punishment or other aggravation, an effect beyond its limit of valid operation.
>
> Section 28 of our Criminal Code provides that "if the punishment prescribed by the law in force at the time of the trial is different from that prescribed by the law in force at the time of the commission of the offnce, the less severe of the two punishments (Old Italian text: "pena di qualita' meno grave") shall be applied.
>
> …
>
> The above-quoted provisions of our Criminal Code applies 'expressis verbis' where the difference is between the

[46] First Year, 1965, edizzjoni riveduta fl-1986, f'paġna 30 fejn jitratta l-**Operation of Criminal Law, Limitations by Time**

punishment as at the time of the commission of the offence and the punishment as at the time of the trial. This means that if, when the new law reducing the punishment comes into force, proceedings in respect of the offence have already been definitely concluded, such new law does not affect the sentence already awarded; saving, of course, wven in this case, the Prerogative of Mercy. If, however, when the new law comes into operation an appeal from the sentence is still pending, then the accused is entitled to the benefit of the less severe punishment (V. Crim. Appeal 'The Police vs. S. Chircop et' 13.XI. 1943; Roberti, op. cit. Vol II, 315). .....

In conclusion it needs hardly be said that the principles above set forth concerning the application of the more favourable law may be set aside by an express provision in the repealing or amending law. This is, in Malta, commonly done, especially in respect of enactments which operate for a short period of time and are at short intervals amended or repealed and re-enacted. In such cases the necessity is obvious of saving unprejudiced any liability or proceedings incurred or instituted under the law so amended or repealed.

In England, the general rule is, now, that the repeal of a Statute has no effect on pending proceedings. Prior to 1889, by the unqualified repeal of the Statute on which an indictment was framed, the proceedings fell to the ground and no judgement would be pronounced. A prisoner indicted for an offence against an Act which was repealed after the offence was committed, but before the prisoner was tried, could not be sentenced under the repealed Act. But as to Statutes passed since 1889, the Interpretation Act, 1889 (52 & 53 Vict. C. 63, s. 38, ss.2) provides that where an Act "repeals any other enactment, then unless the contrary intention appears, the repeal shall not..... (d) affect any penalty, forfeiture or punishment incurred in respect of any offence committed against any enactment so repealed; or (e) affect any investigation, legal proceedings or remedy in respect of any such ........penalty, forfeiture or punishment as aforesaid", and that "any such investigation, legal proceeding or remedy may be instituted, continued or enforced and any such penalty, forfeiture or punishment may be imposed as if the repealing Act had not been passed". Particular clauses to the like effect were common in prior Statutes. (Arch. "Pleading, Evidence and Practice in Criminal Cases", Ed. 1931, pp.89).

… in matters of procedure, the general rule is that the law to be applied is always that in force at the time of the trial, notwithstanding that at the time of the commission of the offence, the mode of proceeding may have been governed by a different law and irrespective of whether such former law was more, or less, favourable to the accused.

25. Fil-fatt, fiż-żmien meta inkitbu dawn in-Noti ta' Sir Anthony Mamo, Malta kien għad ma għandhiex l-Interpretation Act tagħha. Din il-Liġi fil-fatt ġiet promulgata aktar tard fl-4 ta' Frar 1975 bl-Att VII tal-1975. Fl-artikolu 12 jingħad hekk:

> **12.(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –**
> (a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew li ma tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;
> (b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;
> (ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew li ġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;
> **(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk**;
> (e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħu jinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jew piena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar ma jkunx għadda.

26. Jiġifieri Skont din il-Liġi għalhekk meta jkun hemm bidla f'Liġi li tolqot anke l-piena li tkun preskritta għar-reat, il-Liġi li għandha tibqa' applikabbli hija dik fiż-żmien ta' meta jkun ġie mwettaq ir-reat. Dan ifisser li bis-saħħa tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, il-posizzjoni **ceteris paribus** ġiet simili għal dik fir-rigward tal-posizzjoni fl-Ingilterra u Wales wara l-1889."

Hawnhekk il-Qorti ċċitat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mark Anthony Brincat et</u>** tal-4 ta' Lulju 2019, iżda kompliet hekk:

"28. Din il-Qorti jidhrilha li mill-banda l-oħra l-Att dwar l-Interpretazzjoni kien ġie promulgat f'Malta madwar tnax il-sena qabel ma Malta adottat l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea fid-19 t'Awissu 1987, fejn allura l-artikolu 3 tiegħu jgħid li:

> 3.(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.

> (2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.

29. Fil-fatt, anke fil-pubblikazzjoni **Guide on Article 7 of the Convention** stampat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-parti intitolata **No punishment without law**: **the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty** f'paġna 21 hemm il-parti jisimha **V. Principle of retrospective application of more favourable criminal law** fejn jingħad hekk: -

> 55. Even though Article 7 § 1 of the Convention does not expressly mention the principle of the retroactivity of the lighter penalty (unlike Article 15 § 1 in fine of the United Nations Covenant on Civil and Political Rights and Article 9 of the American Convention on Human Rights), the Court held that Article 7 § 1 guarantees not only the principle of non-retroactivity of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant (Scoppola v. Italy (no. 2) [GC], §§ 103-109, concerning a thirty-year prison sentence instead of a life sentence). The Court considered that "inflicting a heavier penalty for the sole reason that it was prescribed at the time of the commission of the offence would mean applying to the defendant's detriment the rules governing the succession of criminal laws in time. In addition, it would amount to disregarding any legislative change favourable to the accused which might have come in before the conviction and continuing to impose penalties which the State – and the community it represents – now consider excessive" (ibid., § 108). The Court noted that a consensus had gradually emerged in Europe and internationally around the view that application of a criminal law providing for a more lenient penalty, even one enacted after the commission of the offence, had become a fundamental principle of criminal law (ibid., § 106)."

Imbagħad b'referenza għall-każ ta' Cassano fuq ċitat, il-Qorti qalet illi essenzjalment f'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ħadet "*l-posizzjoni li essenzjalment jadotta l-Mamo qabel l-introduzzjoni tal-Att dwar l-Interpretazzjoni*" u kompliet tgħid illi *"Din ukoll jirriżulta li hija l-posizzjoni*

*abbraċċjata mill-Professur Kevin Aquilina ...f'artikolu tiegħu miktub minnu fis-27 ta' Frar 2017".*[47]

Fis-sentenza tagħha, imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet hekk:

> "34. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji li illum il-ġurnata għandhom japplikaw f'dan il-kamp huma dawk li huma wkoll riflessi aktar il-fuq, b'mod partikolari, fl-artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali – speċifikament applikabbli għall-kamp penali u li fih l-elementi tal-grazia e giustizia illum ċentenarji u li ma ġiex mibdul fil-kamp penali, u li jirrifletti l-posizzjoni li aktar minn mija u ħamsin sena wara l-promulgazzjoni tiegħu huwa rifless fl-iżvilupp tal-Liġi u tal-Ġurisprudenza fil-Qasam tad-Drittijiet tal-Bniedem evolviet b'mod li l-artikolu 49 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropeja aktar il-fuq imsemmija ma jħallix ekwivoċi. **Jekk wara li twettaq ir-reat, il-liġi tipprovdi għal piena inqas, dik il-piena għandha tkun applikabbli**."

Hawnhekk din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Agostino Bugeja**[48] fejn ġie ritenut b'referenza għall-Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali, illi għalkemm dan l-artikolu jikkontempla biss il-każ fejn il-piena fiż-żmien tal-kawża tkun differenti mill-piena fiż-żmien tal-allegat reat u ma teżisti ebda dispożizzjoni espressa tal-liġi rigwardanti l-każ fejn, fiż-żmien tal-kawża, ir-reat ma jkunx għadu jeżisti, b'dana kollu *arguendo a fortiori* minn dan l-artikolu, hu ċar li l-akkużat għandu jinħeles minn kull piena fl-aħħar ipotesi. Altrimenti, il-liġi tkun qed tikkontradiċi lilha nnifsha meta tagħti effett retroattiv lil-liġi li kull ma tagħmel tipprovdi għall-piena aktar ljevi u fl-istess ħin tiċħad dan l-effett retroattiv lil-liġi sussegwenti, li minflok tnaqqas il-piena, attwalment telimina l-piena kompletament.

## Ikkunsidrat ukoll:

B'rabta wkoll mal-kwistjoni ġuridika in diżamina, din il-Qorti tqis illi minkejja d-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 57(1) tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu, filwaqt li jaħseb għat-tħassir tal-leġislazzjoni msemmija, iżid jipprovdi illi dan *"mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew naqas milli jsir taħthom"*, dawn il-kliem moqrija fid-dawl tal-ġurisprudenza appena ċitata ma jistax ikollhom effett operattiv kemm il-darba jirriżulta illi r-reat li bih imputat jinsab akkużat ma għadux jikkostitwixxi reat taħt il-liġi l-ġdida.

[47] Ara dan l-artiklu ntitolat **The More Lenient Criminal Law**, ippubblikat fuq *Times of Malta* nhar is-27 ta' Frar 2017.

[48] Vol. XXIV, p. iv. p. 941

Fermi dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' dritt, il-Qorti tqis illi l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat huma varji, u kwindi jeħtieġ illi din il-Qorti tqis qabel xejn jekk ir-reati li bihom huwa mixli għadhomx meqjusa bħala reati bis-saħħa tal-liġi llum fis-seħħ.

Jibda biex jingħad illi l-Artikolu 13 tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta, kif illum viġenti, jiddisponi b'mod ġenerali illi:

> "Fejn dan l-Att jew xi strument regolatorju ieħor jippreskrivi li xi attivita`, tkun xi tkun in-natura tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni sabiex titwettaq, it-twettiq ta' tali attivita`, jew il-promozzjoni, l-għajnuna, it-tħajjir jew xort'oħra l-iffaċilitar biex titwettaq dik l-attivita` jkun bi ksur ta' dan l-Att sakemm dik l-attivita` ma tkunx debitament awtorizzata."

Dan fil-waqt illi l-pieni għal reati kriminali huma preskritti fl-Artikolu 23 tal-istess Kapitolu, b'riżerva għal applikazzjoni ta' pieni iżjed għolja prevvisti f'liġijiet oħra, u dan skont ma jiddisponi l-Artikolu 28 tal-istess Kapitolu.

i. Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jiġi akkużat talli qiegħed fis-suq, immanifattura, għamel manutenzjoni jew ipprovda xi apparat rilevanti għal-logħob jew xi parti jew partijiet minnu, meta ma kellux liċenzja valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorita` kompetenti jew ma kienx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenzja dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob mill-istess Awtorita` kompetenti. Fil-fatt l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern, kien jgħid hekk:

   > (1) Ħadd ma għandu jimmanifattura, jimmonta, isewwi, iwettaq manutenzjoni fuq, iqiegħed fis-suq, jiddistribwixxi, iforni, ibiegħ, jikri, jittrasferixxi, jagħmel disponibbli għall-użu, jilqa' għandu jew jopera xi apparat rilevanti għal-logħob, jew xi parti jew partijiet minnu, jekk kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex liċenza valida għal dan l-iskop maħruġa mill-Awtorità jew kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx eżenti minn dik il-ħtieġa ta' liċenza dwar dak l-apparat rilevanti għal-logħob jew dik l-attività skont regolamenti magħmulin taħt dan l-Att.

   Filwaqt illi 'apparat rilevanti għal-logħob' kien ifisser:

   > apparat elettriku, elettroniku jew mekkaniku li jintuża jew ikun maħsub biex jintuża f'dak li għandu x'jaqsam mal-operazzjoni, l-promozzjoni jew il-bejgħ ta' xi logħba u, jew fil-logħob".

M'hemmx dubbju illi l-atti mwettqa mill-imputat kienu jaqgħu fit-termini tal-artikolu appena ċitat.

Illum ir-Regolament 19 tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob (Leġislazzjoni Sussidjarja 583.05) jipprovdi hekk:

> L-ebda persuna ma tista' tagħti servizz, tqiegħed fis-suq, tqassam, tforni, tbiegħ, tikri, tittrasferixxi, tilqa', topera jew b'xi mod ieħor tagħmel disponibbli xi apparat tal-logħob jew sistema tal-logħob fuq it-territorju ta' Malta, sakemm dak l-apparat jew sistema tal-logħob, kif ikun il-każ, ma jkunx ġie approvat mill-Awtorità jew eżentat mill-approvazzjoni tal-Awtorità.

Filwaqt illi 'apparat tal-logħob' hija mfissra taħt l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 583 bħala:

> kull apparat jew oġġett, inkluż kull apparat elettriku, elettroniku jew mekkaniku, kull mejda tal-logħob, biljett jew kull ħaġa oħra, li jintuzaw, jew li huma maħsubin li jintuzaw, min-natura tagħhom, bħala parti minn servizz ta' logħob jew f'konnessjoni miegħu f'post fejn isir il-logħob, liema apparat iħalli lil ġugatur jagħmel imħatri, u, jew biex jikseb l-eżitu tal-logħba

Qed tqis ukoll illi għall-fini tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.05 li tikkontempla l-kategoriji ta' liċenzji li tista' toħroġ l-Awtorita`, taħt il-paragrafu (a) tal-ewwel artikolu, wieħed isib "liċenza għal-Servizz ta' Logħob: liċenza ta' negozju lil konsumatur biex wieħed joffri jew iwettaq servizz ta' logħob". It-tieni artikolu tal-istess Skeda, imbagħad, jipprovdi illi għall-fini tal-istess Skeda, is-servizzi hemm indikati jikkostitwixxu servizz tal-logħob, fosthom taħt il-paragrafu (b):

> l-ilqugħ minn persuna fil-fond tiegħu aċċessibbli għall-pubbliku jew f'fond aċċessibbli għall-pubbliku li hu fil-pussess jew taħt il-kontroll tiegħu, l-operazzjoni jew d-disponibbiltà b'xi mod ieħor għall-użu ta' apparat tal-logħob jew ta'sistema tal-logħob.

Għalhekk l-operazzjoni jew id-disponibbilta` għall-użu ta' apparat tal-logħob, la darba servizz tal-logħob, ukoll jeħtieġ liċenzja mill-Awtorita`, kif kien il-każ taħt l-Artikolu 7 tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan ukoll illi ai termini tal-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-

Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta’ Malta, l-att tal-għoti ta’ servizz tal-logħob li jeħtieġu liċenzja, mingħajr il-liċenzja meħtieġa, jikkostitwixxi reat, punibbli bil-pieni kontemplati fl-Artikolu 23 tal-Kapitolu 583. Fit-termini tal-Artikolu 23 tal-istess Kapitolu, il-piena hija dik ta’ multa ta’ mhux inqas minn għaxart elef ewro (€10,000) u mhux iżjed minn ħames mitt elf ewro (€500,000), jew priġunerija ta’ mhux iżjed minn ħames snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, filwaqt illi taħt l-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438, fiż-żmien tal-każ odjern, il-piena prevvista kienet dik ta’ multa ta’ mhux inqas minn sebat elef ewro (€7,000) u mhux iżjed minn mitejn u ħamsa u tletin elf ewro (€235,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, b’dan għalhekk illi l-Qorti għandha tapplika l-iżjed piena favorevoli għall-imputat, ossia dik li għaliha kien jipprovdi l-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438.

ii. Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat ġie akkużat fit-termini tal-Artikolu 5 u 6(b) tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta’ Malta, talli opera, ippromwova, jew biegħ jew b’xi mod li jkun għen jew ħajjar l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta’ logħob mhux awtorizzat, fejn taħt l-Artikolu 2 tal-istess Att "logħba awtorizzata" kienet tfisser logħba awtorizzata mill-Awtorità li tiġi operata minn detentur ta’ liċenza skont il-liċenza li jkollu ...”. Kif ingħad illum l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta’ Malta, jgħid hekk:

> “Fejn dan l-Att jew xi strument regolatorju ieħor jippreskrivi li xi attivita`, tkun xi tkun in-natura tagħha, teħtieġ awtorizzazzjoni[49] sabiex titwettaq, it-twettiq ta’ tali attivita`, jew il-promozzjoni, l-għajnuna, it-tħajjir jew xort’oħra l-iffaċilitar biex titwettaq dik l-attivita` jkun bi ksur ta’ dan l-Att sakemm dik l-attivita` ma tkunx debitament awtorizzata”.

Din id-disposizzjoni għandha tinqara flimkien mar-Regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar l-Awtorizzazzjonijiet għal-Logħob li jipprovdi illi:

> “L-ebda persuna ma tista’ tipprovdi jew twettaq servizz ta’ logħob jew tipprovdi provvista ta’ logħob kritika minn jew Malta lil xi persuna f’Malta jew permezz ta’ entità legali Maltija sakemm ma tkunx fil-pussess ta’ liċenza valida”,

Filwaqt illi ‘servizz ta’ logħob’ tfisser li:

[49] Ara t-tifsira ta’ ‘awtorizzazzjoni’ taħt ir-Regolament 2 tar-Regolament dwar Tifsiriet dwar il-Logħob (S.L. 583.04).

> “logħba ssir disponibbli għall-parteċipazzjoni ta’ ġugaturi, kemm direttament kif ukoll indirettament, u kemm weħidhom jew flimkien ma’ oħrajn, bħala attivita` ekonomika”.

Il-Qorti tqis għaldaqstant illi r-reat li bih ġie mixli l-imputat fit-termini tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta’ Malta illum għadu reat taħt il-Kapitolu 583 u illi l-fatti riżultanti mill-atti proċesswali jikkonstitwixxu reat anke taħt l-imsemmi Kapitolu. Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni, b’dan ukoll illi l-piena preskritta mil-liġi llum viġenti hija dik ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kapitolu 583, in kwantu r-reat huwa fost dawk elenkati fil-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-istess Kapitolu. Kif diġa` ingħad, il-piena taħt l-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438 kienet iżjed miti minn dik li tikkontempla l-liġi llum taħt l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 583 u għaldaqstant għandha tapplika l-piena kif viġenti taħt il-Kapitolu 483.

iii. L-Artikolu 30 tal-Kapitolu 583 jiddisponi, bħal ma kien jagħmel qabel l-Artikolu 70 tal-Kapitolu 438, illi kull min xjentement jippermetti l-użu ta’ xi post bil-għan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ jew il-logħob ta’ xi logħba mingħajr awtorizzazzjoni, ikun ħati ta’ reat. Taħt l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta’ Malta, il-kelma ‘logħba’ kienet tfisser u tinkludi logħba tal-ażżard u logħba tal-ażżard u abbilta`, filwaqt illi llum ‘logħba’ tfisser logħba tal-ażżard jew logħba ta’ abbilta` b’dan għalhekk illi logħba baqgħet tfisser ukoll logħba tal-ażżard. Issa filwaqt illi logħba tal-ażżard kienet definita taħt l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 438 bħala ‘*logħba għall-flus u, jew premjijiet b’valur ta’ flus, li r-riżultati tagħha jkunu għalkollox aċċidentali*’, illum taħt il-Kapitolu 583 din hija definita bħala *‘attività li l-eżitu tagħha hu determinat bl-ażżard biss jew primarjament bl-ażżard, u tinkludi iżda mhux limitata għal attivitajiet li l-eżitu tagħhom hu determinat skont ġrajja jew l-eżitu ta’ avveniment futur wieħed jew avvenimenti futuri*’. M’hemmx dubju għalhekk illi għalkemm id-definizzjoni m’għadhiex teħtieġ logħob għall-flus, magni tax-xorta li kienu jinsabu fil-ħanut operat mill-imputat, kienu tali li joffru logħob li l-eżitu tagħhom kien determinat biss bl-ażżard. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi <u>t-tielet imputazzjoni</u> tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, b’dan illi kif ingħad, il-Qorti ser tapplika l-iżjed piena favorevoli għall-imputat.

iv. Finalment l-imputat jinsab akkużat talli għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja ta’ awtorita` kompetenti meta din il-liċenzja hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorita` kompetenti bis-

saħħa ta' dik il-liġi u dan fit-termini tal-Artikolu 338(gg) tal-Kodiċi Kriminali, liema artikolu jgħid hekk:

> "minn barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, jagħmel xi ħaġa mingħajr liċenza tal-awtorità kompetenti, meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi" [sottolinear tal-Qorti]

M'hemmx dubju mis-suespost illi l-imputat ma kellux liċenzja mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Logħob jew minn xi awtorita` oħra dwar l-attivitajiet illi huwa kien qed iwettaq. Madankollu, dan huwa reat li huwa espressament provdut fil-liġijiet dwar il-logħob, dwar liema diġa` nstab ħati taħt l-imputazzjonijiet preċedenti. Għaldaqstant, tenut kont tal-kliem adoperat f'din id-disposizzjoni tal-liġi, li bl-Ingliż jaqra hekk: *"except in the cases specially provided for in this Code or in any other law"*, l-imputat mhux qed jinstab ħati ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Lulju tas-sena 2019, liema fedina penali ma jistax jingħad illi hija waħda allarmanti, bl-aħħar reat jirrisali għas-sena 1983.

Tqis ukoll in-natura tar-reati in kwistjoni u ċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll illi dan il-każ jirrisali għas-sena 2010 u li l-maġġor parti tad-dewmien f'dawn il-proċeduri ma kienx dovut għall-imputat.

In oltre kif ingħad iżjed 'il fuq, il-Qorti qegħda tapplika l-piena l-iżjed favorevoli għall-imputat u għaldaqstant, il-piena kif viġenti fiż-żmien tal-każ odjern taħt l-Artikolu 67(1) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex illi għandha tapplika l-piena stipulata fit-tielet proviso tal-Artikolu 67(1) tal-Kapitolu 438, fit-termini tar-raba' proviso tal-istess artikolu.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, ir-Regolamenti 3(1) u 19 u l-Artikoli 1(a) u 2(b) tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 583.05, l-Artikoli 13, 23(1), 30, u l-paragrafu (a) tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta, ġia` l-Artikoli 5, 6(b), 7, 67(1) u 70 tal-Kapitolu 438 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Raymond Brincat** mhux ħati tar-raba' imputazzjoni migjuba kontra tiegħu u qed tilliberah minnha, fil-

waqt illi qed issibu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tikkundannah għall-piena ta' multa fis-somma ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' elf ewro (€1,000), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**

**Oriana Deguara**
**Deputat Reġistratur**